## Lestejtu kollox biex tmorru jum fil-kampanja. Iżda għamlet ix-xita u kellkom tibqgħu d-dar. X'għamiltu minflok?

**Sebaħ jum ġdid jekk kont tista' tgħid sebaħ, għax is-sema donnu ma riedx jinża' l-libsa sewdinija tal-lejl; minflok beda jagħsarha minn ħafna ilma li kellha bejn il-qatgħat, fil-kfief u taħt l-għenuq.**

**Kien is-Sibt u l-familja tiegħi konna diġà lestejna mill-ġurnata ta' qabel biex immorru jum fil-kampanja. Iżda kollox tar mar-riħ għax sebħet ġurnata kerha u kien jaqbel li toqgħod ġewwa għall-kenn u s-sħana. Għalhekk wara li ħadt il-kolazzjon tajt daqqa t'id lil ommi biex nippreparaw il-borma. Ix-xogħol ta' l-iskola kien lest mill-ġurnata ta' qabel u għalhekk għamilt biss ftit studju.**

**X'ħin konna nieklu l-ikla ta' nofsinhar ċempel it-telefon u mort naqbdu. Kienet il-kuġina biex tgħidli li x'ħin ix-xita tkun majniet hi kienet se tiġi s'għandi. Jien tlajt is-seba' sema bil-ferħ għax kont xbajt imsakkra ġewwa d-dar ma nafx x'se naqbad nagħmel.**

**Malli waslet il-kuġina tlaqna niġru daqs għafrid għal ġol-kamra tiegħi. Marija l-kuġina kienet ġabet logħba magħha biex noqogħdu nilagħbuha flimkien. F'daqqa waħda ragħda ħasditna minn ġewwa. F'tebqa' t'għajn infetħu bwieb is-sema. Jien mort nittawwal barra mit-tieqa. Ir-raħal kien qisu mejjet, barra ma kien**

**jidher ħadd. Imbagħad inżilna isfel biex naraw ftit televixin. Imma ma tantx dommna naraw il-programm għax mar id-dawl. Għalhekk qbadna ktieb u qgħadna naqrawh. Wara Marija kellha diffikultà fix-xogħol ta' l-iskola u għalhekk jien fehmtilha.**

**Avolja ma morniex ġurnata fil-kampanja, xorta waħda kelli ġurnata sabiħa mimlija daqs bajda bil-logħob u l-istudju li għamilna jien u l-kuġina f'ġurnata ta' maltemp. Anzi naħseb li ħadna aktar gost milli kieku morna fil-kampanja għax hekk tgħallimna xi kelma bl-Ingliż mill-qari li qrajna.**